**TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA` INGUSTIZZJI**

**IMHALLEF**

**ONOR. C. FARRUGIA SACCO B.A., LL.D.**

Rikors Numru: 464/97

Carmelo Azzopardi

vs

Kap Kmandant Forzi Armati

Illum 30 ta' April, 2002.

It-Tribunal,

**RIKORS:**

Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u 15 ta' Mejju 1995 u b'mod aktar preciz fi jew ghall-habta ta' l-1989 u l-1992 huwa sofra ingustizzja f'li ma nghatax promozzjonijiet li kien jikkwalifika ghalihom.

Illi l-fatti tal-kaz kienu fil-qosor kif gej:

Ir-rikorrent dahal fl-Armata tar-Royal Engineers (Local Enlisted) fit-28 ta' April 1961. Meta dan il-unit gie "disbanded" fit-30 ta' Settembru 1970 il-membri tieghu, inkluz ir-rikorrent gew trasferiti

mal-Forzi Armati ta' Malta. Fl-1974 huwa lahaq "Lance Bombardier", fl-1976 sar Bombardier, f'Marzu tal-1981 huwa lahaq Surgent filwaqt li f'Marzu 1983 sar Staff Surgent permezz ta' 'Time Promotion' liema 'rank' baqa' bih sa meta spicca mill-Armata bil-pensjoni cioe` sa l-ahhar ta' Frar 1997.

F'Awwissu tal-1982 u cioe` ftit wara li lahaq Surgent, permezz ta' 'Part One Order' huwa kien gie ordnat mill-Commanding Officer Lieut. Col. Spiteri sabiex jiehu taht idejh il-Motor Transport Section minghand il-Warrant Officer Class II (WO II) Micallef. Ta min josserva illi skond l-Establishments, il-Motor Transport Section kellha titmexxa minn Logotenent u 'Warrant Officer Class II' bhala 'second in command'.

Fl-1989, l-RSM P. Caruana wara li gie promoss ghal Logotenent intbaghat biex jiehu over minghand ir-rikorrent il-Motor Transport Section.

Meta fl-1991 Lieut. P. Caruana spicca mis-servizz postu hadu Lieut. Sammut li da parti tieghu spicca mis-servizz ghall-habta ta' Settembru ta' l-istess sena. Bejn Settembru tal-1991 sa Jannar tal-1992, ir-rikorrent rega' gie ordnat biex jiehu taht idejh il-Motor Transport Section.

Tul dan il-perjodu li parti sostanzjali minnu r-rikorrent ghamlu jiehu hsieb il-Motor Transport Section ghaddiet f'idejn Capt. Casha. Meta f'Gunju tal-istess sena Capt. Casha gie trasferit ghal

sezzjoni ohra r-rikorrent rega' gie ordnat jiehu taht idejh il-Motor Transport Section.

Tul dan il-perjodu, li parti sostanzjali minnu r-rikorrent ghamlu jiehu hsieb il-Motor Transport Section avolja kellu biss rank ta' Staff Sargeant kienu hargu bosta promozzjonijiet mill-liema promozzjonijiet ir-rikorrent qatt ma bbenefika.

Fl-1989 kienu hargu l-promozzjonijiet ghal Warrant Officer, izda avolja r-rikorrent kien ilu jiehu hsieb il-Motor Transport Section ghal perjodu ta' 7 snin huwa ma nghatax din il-promozzjoni.

L-istess gara f'Jannar tal-1992 meta kienu regghu hargu l-promozzjonijiet ghal "Warrant Officers Class II".

Ghaldaqstant filwaqt illi r-rikorrent ghamel zmien twil in charge mill-Motor Transport Section huwa qatt ma nghata l-promozzjoni li kien jikkwalifika ghaliha. Minhabba din l-ingustizzja r-rikorrent sofra u ghadu jsofri danni finanzjarji minhabba l-fatt illi issa li huwa rtira mis-servizz qieghed jiehu pensjoni ferm inferjuri ghal dik li kien intitolat ghaliha li kieku nghata l-promozzjonijiet li kien jimmeritah.

Illi huwa kien bi hsiebu jgib biex isostni l-ilment tieghu lix-xhied murija fl-elenku li jindika ghar-rigward ta' kull xhud dawk il-fatti li r-rikorrent kien bi hsiebu jgib prova dwarhom bix-xhieda tieghu.

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji u li jinghata rimedju billi jinghata l-promozzjoni b'effett mill-1989 u li l-pensjoni tieghu tigi aggustata skond din il-promozzjoni jew inkella jekk dan ir-rimedju ma jistax jinghata, li jigi ordnat li jithallas kumpens f' ammont ta' mhux aktar min Lm5000, u dana taht kull provediment xieraq u opportun li joghgbu jaghti dan it-Tribunal.

Ra l-elenku tax-xhieda tar-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**

Ra r-risposta tal-Kmandant tal-Forzi Armati ta' Malta li eccepixxa illi dwar il-fatti allegati fir-rikors huwa ghandu xi jghid is-segwenti.

Illi fir-rigward tal-promozzjonijiet b'effett mill-20 ta' Jannar 1992 ir-rikors promotur huwa inammissibbli fit-termini ta' l-Artikolu 5(3)(b) ta' l-Att VIII tal-1998 peress illi r-rikorrent naqas li jipprevalixxi ruhu mill-mezz ta' rimedju provdut fl-Artikolu 161 ta' l-Att dwar il-Forzi Armati. Tajjeb wiehed isemmi li fil-kaz tal-promozzjonijiet tal-1988 ir-rikorrent kien ghamel il-procedura mehtiega kif jitlob l-istess Artikolu.

Illi dak li r-rikorrent qed jallega fir-rigward tat-tmexxija tal-Mechanical Transport Section (MT) tal-Unita` tieghu minn xi rank oghla minn dak li kellu hu ma ghandux jigi mifhum jew aktar minn hekk jikkostitwixxi xi dritt tar-rikorrent biex jinghata l-

promozzjoni msemmija minnu. Il-promozzjonijiet fl-Armata ma jinghatawx abbazi ta' xi kariga jew responsabbilita` li wiehed ikollu. Jekk nigu f'dan l-argument wiehed ikollu jghid li r-rank li r-rikorrent garr sa ma spicca mis-servizz jista' jitqies bhala bizzejjed biex jigi agevolat ir-rank li r-rikorrent kien qieghed igorr u ghaldaqstant l-argument li qieghed igib ma jitqiesx li ghandu xi bazi unika biex hu kellu jigi promoss kif xtaq.

Barra minn hekk ma jirrizultax li fil-promozzjonijiet tal-1988 u tal-1992 ir-rikorrent inqabez minn xi hadd li kellu kwalifikazzjoni inqas minn tieghu.

Illi fir-rigward li r-rikorrent qed isostni li skond l-Establishment l-MT kellu jitmexxa minn Logutenent u Warrant Officer II, ir-rikorrent donnu jrid jaghti wiehed x'jifhem li ghax fl-Establishment hemm imnizzel hekk hu kellu d-dritt esplicitu li jinghata xi wiehed minn dawn ir-rankijiet ghax kien imqabbad jiehu hsieb l-MT. Dan ma jreggix ghax bl-istess argument wiehed kieku jkollu jlahhaq fir-rank skond l-Establishment lil kull min qieghed b'xi mod jaqdi doveri simili minhabba xi sitwazzjoni jew accident li ma jippermettix li jigu mlahhqa nies ikkwalifikati skond ma jitolbu r-regolamenti cioe` skond l-Avviz Legali Nru. 91 tal-1970 jew minhabba nuqqas ta' nies.

Illi ma jirrizultax li hargu promozzjonijiet aktar minn tnejn fejn jirrigwardja r-rikorrent tul il-perjodu li jaqa' taht it-termini ta' l-Att VIII tal-1997.

Illi jidher li l-promozzjonijiet saru skond ir-rakkommandazzjoni tal-Kmandant tal-Forzi Armati ta' Malta ta' dak iz-zmien u stante li l-promozzjonijiet fl-Armata ma jinghatawx abbazi ta' anzjanita` u kwalifiki biss izda primarjament abbazi ta' efficjenza kif ukoll abbazi ta' ghazla biex timtela vakanza dejjem skond ir-regolamenti applikabbli cioe` l-Avviz Legali Numru 91 tal-1970 u ghaldaqstant dak allegat mir-rikorrent wahdu ma jammontax ghal prova li saret xi distinzjoni preferenza jew eskluzjoni indebita a skapitu tieghu fit-termini ta' l-Att VIII ta' l-1997.

Ghaldaqstant ghar-raguni fuq premessi fl-ewwel lok, dan it-Tribunal ghandu jiddiklina li jezercita l-gurisdizzjoni tieghu skond kif jidher fl-ewwel paragrafu u subbordinatament ghandu jichad it-talbiet kollha tar-rikorrent.

Ra l-elenku tax-xhieda ta' l-intimat.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

**PROVI:**

Ikkunsidra

Illi fit- 18 ta' Frar 1999 l-intimat irtira l-eccezzjoni dwar l-Artikolu 161 tal-Att dwar il-Forzi Armati u b' hekk giet irtirata l-eccezzjoni preliminari dwar gurisdizzjoni.

Illi r-rikorrent ipprezenta affidavit fejn ikkonferma d-dati meta dahal u ha promozzjonijiet fl-Armata. Semma li spicca mill-Armata fl-eta ta' 54, u dan ghamlu ghax kien ihossu umiljat stante li ma kienx inghata il-promozzjonijiet li kien intitolat ghalihom. F' Awissu tal-1982 u cioe` ftit wara li lahaq Surgent, permezz ta' "Part One Order" huwa kien gie ordnat mill-Commanding Officer Lieut. Col. Spiteri sabiex jiehu taht idejh il-Motor Transport Section minghand il-"Warrant Officer Class II" Thomas Micallef. Illi skond l-Establishment, il-Motor Transport Section kellha titmexxa minn Logutenent u "Warrant Officer Class II" bhala "Second in Command". Tajjeb li wiehed josserva illi fir-Regiment 1 il-persuna "in charge" mit-Transport Section dejjem kienet persuna bil-grad ta' ufficjal.

Fl-1989 kienu hargu l-promozzjonijiet ghal "Warrant Officers" izda avolja r-rikorrenti kien ilu jiehu hsieb il-Motor Transport Section ghal perjodu ta' seba (7) snin, huwa ma nghatax din il-promozzjoni. L-istess gara f'Jannar tal 1992 meta kienu regghu hargu l-promozzjonijiet ghall-"Warrant Officers Class II". Semma r-responsabbiltajiet u d-doveri li kellu. Zied li diversi kollegi tieghu hadu l-promozzjonijiet.

Paul Caruana li kien jahdem fl-Armata u rtira fl-1991 fir-rank ta' Lt. u li kien Motor Transport Officer bejn l-1989 u l-1991 semma li ha over minghand l-ex Staff Sargeant Carmelo Azzoppardi. Wara li spicca ta handover lilu stess li kien ghadu fl-istess kariga. Semma li r-rikorrent dejjem hadem tajjeb anke fl-assenza tieghu ghalkemm kien hemm hafna xoghol.

Lt. Col. Raymond Cutajar semma li kwalunkwe regiment ghandu l-Motor Transport Section u r-rikorrent kien Staff Sargeant u kellu x-xoghol tat-transport section f' idejh. Ir-rikorrent dejjem kien jaghmel ix-xoghol ghalkemm kien fir-rank ta' Staff Sargeant. Fit-2 ta' Jannar 1992 kienu staqsewh biex jaghmel il-lista ta' rakkomandazzjonijiet ghall-promozzjonijiet. Peress li kien indeciz dwar ir-rikorrent baghat ghall-assistent tieghu Magrin li kien qallu li jekk ser jirrakkmandaw lil Azzoppardi ser ikollhom inkwiet minghand dawk id-disgha li dan kien sejjer jaqbez minhabba l-problema tas-seniority. Minhabba f' hekk ma rrakkomandahx.

Michael Sammut li kien fl-Armata u ilu xi 6 snin li spicca semma li jaf lir-rikorrent li kien is-second in command tieghu. Semma li r-rikorrent kien jiehu hsieb diversi aspetti tat-transport. Hu kien jaghmilha wkoll ta` Quartermaster fis-sens li jiehu hsieb li l-affarijiet li jitkissru u li jkollhom bzonn ta` maintenance biex jigu rimpjazzati. Sab lir-rikorrent tajjeb fix-xoghol. Kien irrakkomandah ghal higher promotion ghax kien bniedem ta' resposabbilta` u ta' kapacita`. Meta kien ikun leave jew sick leave hu kien imexxi tajjeb.

Lt. Col. Schembri esebixxa lista tal-promozzjonijiet li saru b' effett mill-11 ta' Mejju 1988 u fl-20 ta' Jannar 1992 fit-Tieni Regiment mir-rank ta' Staff Sargeant ghal dak ta' Warrant Officer. Fl-1988 ir-rikorrent qieghed imnizzel l-ahhar wiehed u ghalhekk hadd ma qabez lir-rikorrent. Fl-1992 qabzu wiehed biss li effettivament kellu Army Certificate Of Education superjuri ghal tar-rikorrent fis-sens li kien 1 u mhux 2 u kellu anke trades superjuri. Dan fis-

sens tal-ammont. Dwar ir-records xehed li r-rikorrent qatt ma gie appointed bhala Motor Transport Officer ghal kuntrarju ta' dak li qal ir-rikorrent. Kien NCO in charge MT li hija xi haga differenti. Appointment jinhareg biss mill-Headquarters tal-Forzi Armati imma bhala NCO, non commissioned officer in charge dik hija kariga li jista` jaghtihielu l-Kmandant tar-regiment fejn ikun qieghed hu. Bhala recommendations l-ahhar recommendations dwar ir-rikorrent kienu jkopru l-perjodu 1990-1991 li ghalkemm ir-rikorrent qieghed jigi rikmandat ghall-promozzjoni, min qieghed jaghmel ir-rakkomandazzjoni qieghed jigbed l-attenzjoni li huwa mhux kwalifikat ghar-rank ta' Warrant Officer minhabba li m' ghandux il-Class 1 Education kif kien mehtieg.

**KONKLUZJONIJIET:**

Illi ghalhekk jirrizulta li r-rikorrent qed jilmenta mill-promozzjonijiet tal-1988 u tal-1992. It-Tribunal ezamina bir-reqqa l-iskeda prezentata a fol 45 tal-process li minnha jirrizulta li r-rikorrent qieghed l-ahhar wiehed fil-lista u minn dawk it-tmienja li saru sebgha minnhom kellhom Class 1 jew Class 2 Army Certificate of Education waqt li hu kellu Class 3. L-iehor li kellu Class 3 ACE ghandu trades superjuri ghar-rikorrent u ghalhekk dwar il-promozzjonijiet tal-1988 jidher car li taht l-aspett ta' seniority, kwalifiki fl-education u kwalifiki fit-trades f' kollha kemm huma r-rikorrent kien inferjuri u ma kienx haqqu l-promozzjoni.

Dwar il-promozzjonijiet tal-1992 jinghad li f' dan l-istadju r-rikorrent kellu ACE 2 u hu kien is-seba' wiehed fil-lista. Is-sitta

ta' qablu mhux biss kienu senior tieghu izda globalment kienu aktar kwalifikati minnu. Gie maqbuz minn wiehed biss li dan kellu ACE 1 u trades aktar minnu u li ghalhekk it-Tribunal ihoss li ma saret ebda ingustizzja fil-fatt li gie maqbuz.

Dwar seniority fil-kawza Anthony Scicluna vs Chairman Bank of Valletta deciza fis-27 ta' Ottubru, 1998 it-Tribunal qal:

"Issa fil-fehma ta' dan it-Tribunal, s-Seniority ghandha piz kbir hafna fl-ghoti tal-promozzjonijiet u ghandha ma tigix meqjusa biss meta jirrizultaw b'mod car u inekwivoku jew kwalitajiet posittivi ohra f'xi individwi ohra li jiggustifikaw li persuna / persuni ghandha taqbez lil min imissu skond is-seniority, jew kwalitajiet negattivi f'dak li jkun imissu l-promozzjoni [skond is-seniority] li jiggustifikaw li dik il-persuna ma tinghatax il-promozzjoni. Altrimenti naslu fi stadju fejn jirrenja suprem il-favoritizmu favur xi individwi ghal ragunijiet diskriminatorji (u ghalhekk kontra l-Kostituzzjoni)." [Ara wkoll George Debono vs Brigadier AFM 28/10/98].

It-Tribunal pero` jkollu bil-fors josserva li r-rikorrent kien jahdem b' mod efficjenti u kien jaghmel xoghol li bazikament kien normalment isir minn nies f' rank superjuri ghar-rank tieghu. F' dan ir-rigward fil-kawza deciza minn dan it-Tribunal fl-ismijiet "Mario Vella vs Direttur tal-Edukazzjoni" deciza fit-2 ta' Novembru, 2000, rikors 128/97 gie deciz li impjegat li ghal zmien twil jaghmel xoghol superjuri ghal grad tieghu u b'mod efficjenti

ghandu dritt ghal kumpens finanzjarju. Mhux necessarjament jaghtih d-dritt ghall-promozzjoni. Ara wkoll Anthony Cachia vs Korporazzjoni Enemalta 6 ta' Dicembru, 2000. Fil-kaz in ezami ir-rikorrent kien kunsidrat bhala haddiem tajjeb u efficjenti. Ghalhekk it-Tribunal ihoss li ghalkemm it-talba tar-rikorrent ma tistax tigi milqugha f'dak li jirrigwarda l-grad, xorta ghandu jorda kumpens finanzjarju fl-ammont ta' elf u hames mitt lira maltin [LM1500] favur ir-rikorrent.

Minhabba n-natura tal-kaz spejjez bla taxxa.